351/16 AG

Fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili

Preż: €15.00c
Reġistru € 6.00
Notifika € 1.70
€ 22.20
Hlas:
Reg € 25.00
Hor € 7.00
54.20

Il-Kummissarju tal-Art

Vs

MIDI plc (C15836)

REGISTRY SUPERIOR COURT
No: 50
22 SEP 2016
PAID

Protest tal-Kummissarju tal-Art.

Jesponi bir-rispett:

Illi permezz ta' att pubbliku tal- 15 ta' Gunju 2000 fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli, l-protestant għan-nom tal-Gvern ta' Malta ikkonċeda b' titolu ta' enfitewsi temporaneja diversi artijiet lill-kumpannija protestata.

Illi fost l-imsemmija artijiet konċessi hemm art estensiva fuq Manoel Island fil-limiti tal-Gzira b' dan pero illi l-*foreshore* tal-istess Manoel Island ma tiffurmax parti mill-konċessjoni.

Illi skont l-istess konċessjoni, u senjatament skont il-klawżola 1.2, l-enfitewta għandu obbligu li jipprovdi dritt ta' aċċess bir-riġel fuq il-binjiet magħrufa bħala "The Lazzaretto" mill-passaġġ immarkat bħala "Point Y to Point Z" fuq il-pjanta mmarkata LD174A/99 annessa mal- kuntratt u markata bħala 'It-Tieni skeda" liema passaġġ għandu area approssimattiva ta' 624 metru kwadru.

Illi skont l-istess klawżola 1.2 il-*foreshore* huwa definit bħala li jestendi fuq l-art għal distanza ta' ħames metri mit-tarf tal-baħar kif indikat fil-pjanti li jiffurmaw l-Ewwel u t-Tieni Skeda tal-konċessjoni.

Illi in oltre l-klawżola 15.2 tal-konċessjoni tittratta ukoll l-aċċess għall-partijiet ta' Manoel Island li m' humhiex qegħdin fil-konċessjoni fejn l-enfitewta huwa marbut li ma jinterrompix bla ħtieġa s-servizzi essenzjali u l-utilitajiet lill-partijiet ta' Manoel Island li m' humhiex inklużi fil-konċessjoni u huwa obbligat ukoll li jiżgura aċċess għal dawn il-partijiet. Illi fost l-imsemmija partijiet li ma jiffurmawx parti mill-konċessjoni hemm il-*foreshore*.

Illi l-kumpannija protestata installat grada u *fencing* f' Manoel Island li bihom neħħiet l- aċċess għall-*foreshore* minn fuq l-istess Manoel Island.

Illi dan l-agir da parti tal-kumpannija protestata jivvjola l-obbligi kontrattwali assunti minnha fl-imsemmija konċessjoni enfitewtika u dina l-vjolazzjoni qegħda ukoll tiddisturba l-godiment mill-pubbliku in ġenerali ta' beni pubbliċi li huma ukoll ta' natura ta' demanju pubbliku.

Illi għaldaqstant l-esponent filwaqt illi jinterpella lill-kumpannija protestata sabiex twettaq l-obbligi kontrattwali tagħha skont l-imsemmi att pubbliku tal- 15 ta' Gunju 2000 u sabiex tiddeżisti milli tkompli fl-aġir abbużiv tagħha, jpoġġiha f' dolo, mora u culpa għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi, b' riżerva għal kull azzjoni legali oħra spettanti lill-protestant.

Bl-ispejjeż kontra l-kumpannija protestata.

Dr. Peter Grech

Avukat Ġenerali

Dr. Victoria Buttigieg

Assistent Avukat Ġenerali

Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali

Il-Palazz, Valletta

HEIDI TESTA B.A., LP.

Prokuratur Leġali tar-Repubblika

Protestant: Kummissarju tal-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

Protestata: Dr. Alec A. Mizzi għan-nom u in rappreżentanza tal-kumpannija MIDI plc, North Shore, Manoel Island, Gzira GZR 3016.

21 SEP 2018

PL. H. TESTA

Illum__________

ppreżentata mill __________

pla dok/b__________ dokumenti